MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 674/2000/1

**Tabone Computer Centre Ltd**

**v.**

**Ir-Regolatur tat-Telegrafija minghajr Fili, id-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li s-socjeta` attrici pprezentat fl-10 ta' April 2000, li taqra hekk:

"Peress illi s-socjeta` attrici inghatat licenjza ghal perjodu ta' ghaxar snin b'effett minn April tal-1996 sabiex, fuq bazimhux esklussiv jipprovdi lis-*subscribers* 'access ta international data networks' taht il-partijiet, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet stipulati licenzja, liema licenzja harget bis-sahha tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 49 (Dok A).

"Peress illi din il-licenzja baqghet tigi mhallsa f'April ta' kull sena izda meta l-attur mar biex ihallas ghal April 2000/2001, ir-Regolatur konvenut irrifjuta li jaccetta dan il-hlas u kkontenda li tali licenzja ma kinitx iktar *in vigore* minhabba d-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 170/1999.

"Peress illi skond dawn ir-regolamenti, fl-Artikolu 24 huwa stipulat illi kull persuna li fis-7 ta' Ottubru 1999 kellu licenzja biex jipprovdi s-servizz ta' Internet Service Provider, bis-sehh tal-istess regolamenti jinghata licenzja awtomatikament taht l-istess regolamenti.

"Peress illi f'dan l-Artikolu transitorju m'hemm xejn li jghid illi jekk hemm konflitt bejn tali licenzja u l-imsemmija regolamenti, ghandhom jghoddu r-regolamenti. Anzi, minn qari akkurat tal-istess dispozizzjoni transitorju jidher illi taht l-istess dispozizzjoni l-licenzji li kien hemm vigenti gew salvati u ma gewx modifikati. Huma l-licenzji l-godda li ser johorgu li huma mbaghad kkundizzjonati bl-imsemmija regolamenti.

"Peress illi fil-Proviso tal-Artikolu 24 hemm dispost illi "b'dan illi d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament" it-test juza l-kelma "regolament" u mhux

“regolament” (singular mhux plural) u ghalhekk qed jirreferi ghall-klawsola 24 biss u mhux ghall-regolamenti kollha.

“Peress illi fil-fatt, jekk wiehed jara l-isem tar-regolamenti taht il-klawsola 1 tal-Avviz Legali 170/99 it-titolu huwa “Regolamenti tan-1999 …”. – l-isem ufficjali tar-Regolamenti huwa fil-plural u gialadarba fil-Klawsola 24 giet uzata l-kelma fis-singular ifisser illi l-proviso tat-transatory provision tapplika biss ghall-istess Artikolu 24 u mhux ghar-regolamenti kollha.

“Peress illi dawn ir-Regolamenti hargu bis-setgha moghtija bl-Art. 33 tal-Att XXX tal-1997. Il-licenzja tal-attur baqghet ma nbiddlitx minkejja l-imsemmi Att, liema licenzja ghadha in vigore taht il-Kap. 49.

“Peress illi fil-Kap. 49 hemm procedura specifika kif tista’ titnehha jew tigi mhassra licenzja mahruga taht dak il-Kap. Ir-Regolament tal-1999 ma jistghux jkollhom aktar poter milli ghandha l-parent Act u huwa f’dan is-sens li dawn ghandhom jigu interpretati u applikati.

“Peress illi l-ligi tal-1997 u r-regolament konsegwenzjali ma jipprovdux ghal-poter li b’semplici regolament il-licenzja tal-attur tigi mhassra.

“Peress illi ghalhekk is-socjeta` attrici ghadha intitolata li topera s-servizz tal-*internet* abbazi tal-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fil-licenzja originali taghha, liema licenzja ma gietx modifikata minkejja l-imsemmija regolamenti.

“Peress illi f’kull kaz mhux konsentit li l-licenzja tal-attur tigi mhassra minghajr ma l-attur jinghata *due process* u kumpens relattiv.

“Peress illi ghalhekk l-agir imsemmi tal-konvenut li jirrifjuta l-hlas imsemmi u li jirrikonoxxi l-validita` tal-licenzja ta’ ghaxar snin minn April 1986 huwa agir ultravires, abbusiv u mhux skond il-ligi.

“Peress illi l-konvenuti debitament interpellati, baqghu inadempjenti u lanqas biss rrispondew.

"Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti huwa abbusiv, ultra vires u mhux skond il-ligi.

"2. Tiddikjara illi l-licenzja msemmija moghtija lill-Attur f'April 1986 ghal perjodu ta' ghaxar snin ma gietx mittiefsa minkejja l-imsemmija regolamenti u ittri tar-Regolatur konvenut.

"3. Tiddikjara illi l-attur ghandu kull jedd li jhallas il-*fee* relattiv ghal April 2000 u *fees* sussegwenti u stante illi l-ammont relattiv gie depositat f'din il-Qorti kontestwalment sabiex jaghmel tajjeb ghas-sena 2000/2001, tordna lil konvenuti jew min minhom li johrog l-ircevuta relattiva.

"4. Tiddikjara lil konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti u li ghad jista' jsofri minhabba l-agir taghhom imsemmi.

"5. In linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghal-premess, f'kaz li jigi ritenut illi l-licenzja tal-attur ta' April 1986 m'ghadhiex fis-sehh, tiddikjara lil konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti billi l-attur ghandu dritt kwesit li gie mnehhi minghajr kumpens xieraq.

"B'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri lilu spettanti. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2000 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenutili in forza taghha eccepew:

"1. Illi ma tezisti ebda kariga bl-isem "Regolatur tat-Telegrafija Minghajr Fili".

"2. Illi l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni fit-termini tal-Artikolu 181B (2) tal-Kap. 12 u ghandu jigi liberat mit-talbiet.

"3. Illi l-ewwel tliet talbiet tac-citazzjoni huma bazati fuq premessi fattwalment u legalment skorretti u huma infondati ghas-segwenti motivi:

"(i) Illi l-licenzja li nharget lis-socjeta` attrici u lil diversi persuni ohra f'April 1996 biex jagixxu ta' 'Internet Service Provider' ma nhargitx, kif tissottometti s-socjeta` attrici, taht l-Ordinanza dwar it-Telegrafija minghajr Fili izda nharget fil-forma ta' deroga ghall-Att tal-1975 Dwar il-Korporazzjoni Telemalta in forza tal-Artikolu 40 tal-istess Att tal-1975. Illi t-tezi li dik il-licenzja nharget taht l-Ordinanza dwar it-Telegrafija Minghajr Fili ma ssib ebda sostenn fit-test tal-licenzja nfisha (li jghid espressament fil-para. 26 illi l-licenzja iharget mill-"Gvern" u li mkien ma jsemmi l-Ordinanza dwar it-Telegrafija Minghajr Fili) u lanqas ma hija tezi sostenibbli peress illi s-servizz ta' Internet Service Provider li jopera fuq il-linji tat-telefon ma jinvolvix l-uzu ta' telegrafija minghajr fili izda huwa servizz li jinghata fuq il-fili (i.e. il-linji tat-telefon).

"(ii) Illi minn meta gie fis-sehh l-Att tal-1997 biex jirregola t-Telekommunikazzjoni kull min ried li minn dakinhar 'il quddiem jipprovdi jew jibqa jipprovdi servizz ta' telekommunikazzjonijiet (bhalma huwa s-servizz tal-'Internet Service Provider') kellu bzonn licenzja minghand ir-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet skond l-Artikolu 5 tal-Att tal-1997 biex jirregola t-Telekommunikazzjoni. Illi l-istess Att fl-Artikolu 37 kien 'isalva' xi licenzjimahruga qabel izda l-licenzji li gew 'salvati' kienu biss dawk "legalment mahruga jew moghtija taht l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta" u ma kienx ghalhekk ikopri licenzji mahruga b'deroga ghall-istess Att u li ma hargux tahtu. Illi ghalhekk il-pretensjoni tas-socjeta` attrici fis-sens illi meta hareg l-Att tal-1997 hija setghet tibqa topera bil-licenzja precedenti u seta' jinjora dak l-Att hija infondata.

"(iii) Illi l-intrepretazzjoni li l-attur qieghed jaghti lir-regolament numru 24 tal-Avviz Legali 170 tal-1999 hija bizarra. Dak ir-regolament l-ewwel jghid li "Kull persuna li fis-7 ta' Ottubru 1999 kellha licenzja taht l-Att biex tagixxi ta' Provditur tas-Servizz Internet mad-dhul fis-sehh ta' dan ir-regolament tinghata licenzja biex tagixxi ta' Provditur tas-Servizz Internet taht dawn ir-regolamenti" u wara, fil-proviso jestendi d-dritt ghal-licenzja taht ir-regolamenti lil kull min ghad li ma kellux licenzja fis-7 ta' Ottubru 1999

kellu xi darba licenzja u fis-7 ta' Ottubru 1999 kien jagixxi ta' Provditur. Dan ifisser illi min, bhas-socjeta` attrici ghad li ma ottjeniex licenzja taht l-Att tal-1997 kien xorta jahdem bhala Provditur fis-7 ta' Ottubru 1999 kellu dritt li jikseb licenzja taht "dawn ir-regolamenti" (u cioe` l-AL 170 tal-1999). Illi ghalhekk huwa car illi r-regolamenti promulgati bl-Avviz Legali 170 tal-1999 japplikaw ghas-socjeta` attrici u li hija ma ghandha ebda dritt li tinjorhom.

"4. Illi kwantu ghar-raba' u l-hames talbiet dawn huma inammissibbli billi s-socjeta` attrici imkien fil-premessi tac-citazzjoni ma allegat, u wisq inqas ma spjegat, illi hija sofriet xi danni bhala konsegwenza ta' xi agir tal-konvenuti u *di piu*, is-socjeta` attrici ma sofriet ebda tali danni u l-konvenuti ma wettqu ebda agir fil-konfront tas-socjeta` attrici li jista' legalment jaghti lok ghall-hlas ta' danni.

"5. Illi kwantu ghall-hames talba, is-socjeta` attrici ma kellha ebda dritt kwezit li kien jentitolaha li l-Parlament u l-Gvern ma jintroducux sistemi ta' regolamentazzjoni godda fis-settur tat-Telekommunikazzjonijiet jew li jentitolaha ghal xi hlas jekk tali regolamentazzjoni tigi introdotta. Dan wisq izjed meta fil-fatt l-Avviz Legali 170 tal-1999 ipprovda specifikament sabiex is-socjeta` attrici tinghata licenzja u meta kienu biss ir-rifjuti tas-socjeta` attrici li tottjeni licenjza taht l-Att tal-1997 u taht l-Avviz Legali 170 tal-1999 li wassluha f'sitwazzjoni fejn hija qeghda topera kontra dak li tipprovdi l-ligi.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

**"Tastjeni milli tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari** billi t-tismija tar-Regolatur ma kinitx waħda ta' ħtieġa għall-integrita' tal-ġudizzju tal-kawża tal-lum;

**“Tilqa’ t-tieni eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-Avukat Ġenerali m’huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u għalhekk qiegħda teħilsu milli jibqa’ fil-kawża, bi spejjeż għall-kumpannija attriċi;

**“Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u ssib li d-Direttur imħarrek ma mexiex sewwa meta naqas li jġedded il-liċenza li kellha l-kumpannija attriċi għas-sena 2000/2001;

**“Tilqa’ tieni talba attriċi** u ssib li l-liċenza mogħtija lill-kumpannija attriċi f’April tal-1996 ma kinitx waqgħet;

**“Tilqa’ t-tielet talba attriċi** u ssib li l-ħlas imwettaq mill-kumpannija attriċi relattiv għat-tiġdid tal-liċenza għas-sena 2000/2001 kien jiswa u għalhekk tordna li d-Direttur imħarrek joħroġ riċevuta skond il-liġi dwar dak il-ħlas;

**“Tiċħad ir-raba’ talba attriċi** billi ma ġietx ippruvata kif imiss;

**“Tastjeni milli tqis il-ħames talba attriċi**, ladarba din kienet sussidjarja għat-tieni talba attriċi li ntlaqgħet; u

**“Tordna** li d-Direttur imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża** marbutin mal-ewwel tliet talbiet attriċi, filwaqt li l-kumpannija attriċi tħallas l-ispejjeż relattivi għar-raba’ talba tagħha u dawk għall-imħarrek Avukat Ġenerali dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari li biha nħeles milli jibqa’ fil-kawża.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi tilminta minn ċaħda ta’ tiġdid ta’ liċenza biex taħdem bħala *internet service provider* u tgħid li dik iċ-ċaħda hija għamil abbużiv, *ultra vires* u m’hux skond il-liġi. Trid ukoll

dikjarazzjoni li l-liċenza li hija ngħatat fl-1996 titqies li għadha fis-seħħ u li l-imħarrkin jinstabu responsabbli lejha għad-danni li ġarrbet minħabba l-imsemmi rifjut;

"Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi qalu li (i) ma teżistix il-kariga ta' Regolatur tat-Telegrafija mingħajr Fili, u (ii) li l-imħarrek Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi. Laqgħu wkoll (iii) fil-mertu billi ċaħdu li t-talbiet attriċi huma mistħoqqa fil-fatt u fil-liġi. Fuq kollox, ċaħdu li huma jridu jagħmlu tajjeb għal xi danni li l-kumpannija attriċi tgħid li ġarrbet;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "TCC") tipprovdi servizzi ta' aċċess għal *networks* internazzjonali tad-*data* lill-klijenti tagħha (servizz li, fost l-oħrajn, jgħodd fih ukoll dak magħruf bħala *internet service provider*). Fl-24 ta' April, 1996, inħarġitilha liċenza biex tagħti dak is-servizz għal għaxar snin minn dak inhar tal-ħruġ tagħha u taħt il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha hemmhekk imsemmija[1]. Fost dawn il-kundizzjonijiet kien hemm dik li TCC riedet tinqeda bl-infrastruttura tal-Korporazzjoni Telemalta (illum Maltacom plc)[2]. Dwar dak il-fehim TCC ħallset elfejn lira Maltin lid-Dipartiment tat-Telegrafija mingħajr Fili[3] bħala drittijiet għal-liċenza għall-ewwel sena. Dak inhar ukoll, sar ftehim ieħor bejn TCC u l-Korporazzjoni[4] għall-kiri ta' ċirkwit privat internazzjonali u kiri ta' tagħmir lil TCC għall-użu ta' *digital data transmission*. Dak inhar, TCC ħallset mitt lira Maltin akkont lill-Korporazzjoni tal-imsemmi ftehim[5];

"Illi fl-1997 daħal fis-seħħ l-Att tal-1997 dwar it-Telekomunikazzjoni (illum l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi). F'April tal-1998, TCC ħasset il-liċenza għal dik is-sena u d-Dipartimen laqa' l-ħlas[6]. F'Mejju tal-1998[7], ir-Regolatur bagħat jgħarraf lil TCC li kull liċenza maħruġa qabel ma daħlet fis-seħħ il-liġi fl-1997 ma kinitx għadha tgħodd, u talabha troddlu lura l-liċenza li kienet ingħatat sentejn qabel biex joħorġilha oħra minflokha, li toqgħod ma' dak li jistabilixxi l-imsemmi Att. TCC irriferiet il-każ lill-Kamra Maltija tal-Kummerċ u f'Diċembru tal-1998[8], din bagħtet tgħarraf lir-Regolatur li l-liċenzi l-qodma maħruġa lill-ISPs ma kinux waqgħu bil-liġi l-ġdida u li għalhekk ma kienx meħtieġ li jinbidlu b'xi liċenza ġdida. Sadattant, f'April tal-1999, TCC reġgħet

[1] Dok "JT1", f'paġġ. 67 sa 76 tal-proċess
[2] Klawsola 3.1
[3] Dok "P1", f'paġ. 160 tal-proċess
[4] Dok "JT5", f'paġġ. 90 – 7 tal-proċess
[5] Dok "JT6", f'paġ. 89 tal-proċess
[6] Dok "P3", f'paġ. 162 tal-proċess
[7] Dok "JT2", f'paġ. 77 tal-proċess
[8] Dok "JT3", f'paġ. 78 tal-proċess

ħallset it-tiġdid tal-liċenza għal dik is-sena u dan il-ħlas ukoll intlaqa' mid-Dipartiment[9];

"Illi f'Ottubru tal-1999[10] daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti dwar Provdituri ta' Servizzi għal *Internet* u *Data Networks* oħra[11]. Ir-regolament 5(1) tal-imsemmija Regolamenti kien jgħid li l-għoti ta' servizz ta' *internet* jrid jingħata minn kumpannija li l-kummerċ waħdieni tagħha jkun dak ta' ISP. Sadattant, bejn ir-Regolatur u TCC kienet għaddejja korrispondenza. TCC baqgħet tisħaq li l-liċenza li ngħatatilha fl-1996 kienet għadha fis-seħħ u li ma kinitx f'qagħda li taċċetta liċenza ġdida taħt ir-Regolamenti, għaliex ma kinitx tkun konfromi mar-regolament 5(1). Fi Frar tal-2000, ir-Regolatur reġa' kiteb lil TCC[12] biex jgħidilha x'kienu l-għażliet tagħha f'każ li riedet tibqa' tagħti servizz u biex tagħmel l-għażla tagħha fi żmien ġimgħa;

"Illi fid-29 ta' Marzu, 2000, TCC talbet li titħalla tagħti servizzi ta' ISP u bagħtet ħlas ta' elf lira Maltin b'*cheque*. L-għada ressqet ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin. Fl-10 ta' April, 2000, fetħet din il-kawża;

"Illi fil-5 ta' Mejju, 2000[13], l-Uffiċċju tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet bagħat jgħarraf lil TCC li kien laqa' t-talba tagħha biex tinħarġilha liċenza biex tagħti servizz ta' ISP u li din il-liċenza kellha tkun għal għaxar snin b'seħħ mill-1 ta' Mejju, 2000, u bil-ħlas hemm imfisser. Bagħat ukoll il-liċenza l-ġdida favur kumpannija bl-isem ta' Webwaves Limited[14] li twaqqfet f'Marzu tal-2000 u li l-azzjonisti u d-diretturi tagħha huma wkoll l-istess azzjonisti u diretturi ta' TCC[15];

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ jidher li l-qafas tal-kwestjoni jinbena fuq il-pożizzjoni tal-liċenza mogħtija lil TCC f'April tal-1996, u jiġifieri, x'ġara minn dik il-liċenza meta, tul iż-żmien li għalih ingħatat, daħlu bidliet fil-liġi li jirregolaw is-servizzi li dwarhom inħarġet dik il-liċenza. TCC tgħid li l-liċenza baqgħet tiswa u ma kellhiex għalfejn tinbidel, filwaqt li l-imħarrkin jisħqu li dik il-liċenza waqgħet u TCC riedet taċċetta liċenza ġdida maħruġa skond il-liġi u r-regolamenti li kienu fis-seħħ dak iż-żmien;

---

[9] Dok "P4", f'paġ. 163 tal-proċess
[10] Ħlief għar-regolament 6 dwar "Konċentrazzjoni ta' Proprjeta'" li kellu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2001
[11] A.L. 170 tal-1999 (illum L.S. 399.09, kif mibdul)
[12] Dok "JT4", f'paġġ. 79 – 80 tal-proċess
[13] Dok "MS4", f'paġ. 60 tal-proċess
[14] Dok "MS3", f'paġġ. 57 – 9 tal-proċess
[15] Dokti. "TCCL1" u "M1", f'paġġ. 154 – 5 u 164 – 5 tal-proċess

"Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-każ fil-mertu, jidher li jkun xieraq li tqis **iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari**. L-ewwel waħda tgħid li ma teżistix il-kariga ta' "Regolatur tat-Telegrafija mingħajr Fili"; it-tieni waħda tgħid li l-imħarrek Avukat Ġenerali m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

"Illi **dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari** jidher li l-imħarrkin iridu jfissru li l-indikazzjoni tar-Regolatur imħarrek kif tidher fl-Att taċ-Ċitazzjoni ma taqbilx ma' dak li huwa magħruf bih uffiċjalment. Min-naħa tagħha, TCC tgħid li l-mod kif tniżżel l-isem tar-Regolatur kien żball tal-kitba u ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandux jissewwa dak l-iżball jekk kemm-il darba dan għadu ma sarx;

"Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni tagħhom. Jekk wieħed kellu jħares lejn it-tifsir mogħti fil-liċenza nnifisha, wieħed isib li l-kelma "regolatur"[16] kienet tirreferi għad-Dipartiment tat-Telegrafija mingħajr Fili u mhux għal persuna partikolari. Matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, seħħew fil-liġi bosta tibdiliet li laqtu kemm il-binja, it-tismija u kif ukoll is-setgħat tal-awtorita' li tirregola l-komunikazzjoni elettronika. Il-kwestjoni, għalhekk, m'hijiex waħda li tolqot l-integrita' tal-ġudizzju, iżda waħda dwar jekk xi parti f'kawża ssejħitx b'isimha t-tajjeb. Meta l-imħarrkin ressqu n-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom, u fid-dawl tal-liġi kif kienet fis-seħħ dak inhar, indikaw li l-isem sewwa kellu jkun "Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet". Ta' min jgħid li, bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2000[17], dawk is-setgħat għaddew f'idejn l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni li twaqqfet sewwasew b'dak l-Att, u li wirtet is-setgħat li kellha l-awtorita' regolatriċi governattiva dwar il-komunikazzjoni mingħajr fili sa dak inhar[18];

"Illi l-Qorti taħseb li, ladarba wieħed mill-imħarrkin huwa d-Direttur tad-awtorita' dipartimentali relattiva, ma hemmx għalfejn li wieħed joqgħod jinkludi wkoll lill-istess awtorita' bħala parti separata fil-kawża, ladarba d-Direttur imħarrek bil-liġi jitqies li jirrappreżentaha. F'kull każ, il-Qorti tista' dejjem tinqeda bis-setgħat mogħtijin fl-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tibdel l-isem ta' xi waħda mill-partijiet, iżda ma jidhrilhiex li f'dan il-każ huwa meħtieġ li tagħmel dan għaliex, b'dik il-bidla u mingħajrha, diġa' ntwera li l-ġudizzju huwa sħiħ għar-raġunijiet fuq imsemmijin. Minbarra dan, li kieku l-Qorti kellha tgħaddi biex tordna l-bdil tan-nomenklatura tar-regolatur biex jiġi jaqra kif messu ssemma dak inhar li nfetħet il-kawża, xorta waħda joħroġ li llum il-ġurnata dak l-isem m'għadux jeżisti għaliex illum ir-regolatur huwa entita' oħra, kif diġa' ngħad;

[16] Klawsola 2.9 tal-liċenza
[17] Kap 418 tal-Liġijiet ta' Malta
[18] Artt. 3, 5 u 26 tal-Kap 418

"Illi għalhekk, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis aktar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

"Illi **dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari** jrid jingħad li TCC tiġġustifika li daħħlet fil-kawża lill-Avukat Ġenerali wkoll għaliex tgħid li l-liċenza kienet inħarġet mill-Gvern u huwa l-Avukat Ġenerali li jidher għall-Gvern fil-kawżi. Minbarra dan, iżżid tgħid li kienu l-imħarrkin infushom li qalu li l-liċenza nħarġet mill-Gvern u li d-Direttur imħarrek ma ħareġ l-ebda liċenza lill-kumpannija attriċi. Għalhekk, fin-nuqqas ta' direttur dipartimentali, huwa bilfors l-imħarrek Avukat Ġenerali li jrid jidher għall-Gvern f'kawża f'ċirkostanza bħal dik;

"Illi l-liġi trid[19] li f'kawżi l-Gvern ikun rappreżentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwestjoni, u li lAvukat Ġenerali jidher biss f'dawk il-kawżi li, minħabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistgħu jitressqu kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħrajn[20]. F'dan il-każ, TCC qiegħda titlob stħarriġ dwar l-għemil ta' min ma riedx iġeddilha l-liċenza li kellha. Il-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ ta' liċenza bħal dik kienet taqa' fis-setgħat tad-Direttur imħarrek u d-dipartiment li f'dak iż-żmien rilevanti għall-kawża huwa kien imexxi. Illum dawk is-setgħat għaddew f'awtorita' oħra;

"Illi l-imħarrkin jisħqu li l-Avukat Ġenerali ma kien bl-ebda mod marbut jew responsabbli għall-ġrajjiet li wasslu għall-ilment ta' TCC. Huma jargumentaw lil-allegazzjonijiet ta' TCC la huma direttament u lanqas remotament imputabbli lilu jew marbuta mad-dmirijiet u l-mansjonijiet tiegħu;

"Illi l-Qorti tqis li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din l-eċċezzjoni hija tajba u li ma ngħatatx raġuni tajba għaliex l-istess imħarrek kellu jkun parti fil-kawża. Is-sottomissjoni ta' TCC dwar it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin biex tiġġustifika li l-Avukat Ġenerali kien imħarrek sewwa ma tirriżulta bl-ebda mod lil din il-Qorti;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' din it-tieni eċċezzjoni preliminari u sejra teħles lill-imħarrek Avukat Ġenerali milli jibqa' fil-kawża;

[19] Art. 181B(1) tal-Kap 12
[20] Art. 181B(2) tal-Kap 12

"Illi **dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi** l-Qorti tara li l-qofol tal-kwestjoni bejn il-partijiet idur mas-siwi tal-liċenza mogħtija lil TCC f'April tal-1996. Hija kwestjoni li baqgħet tkebbes għal żmien twil bejn il-partijiet għaliex għandhom fehmiet ma jaqblux dwar l-oriġini tas-setgħat li taħtha dik il-liċenza nħarġet. B'dan il-mod, filwaqt li TCC tgħid li l-imsemmija liċenza nħarġet bis-saħħa ta' liġi partikolari, l-imħarrkin jisħqu li din inħarġet bis-saħħa ta' liġi oħra. Għalhekk, filwaqt li TCC tgħid li l-imsemmija liċenza nħarġet taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar it-Telegrafija Mingħajr Fili[21] kif kienet fis-seħħ f'dak iż-żmien li nħarġet il-liċenza, l-imħarrkin jisħqu li dik il-liċenza ngħatat bħala deroga għall-monopolju li kellha l-Korporazzjoni Telemalta taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1975 dwar it-Telemalta[22];

"Illi l-Qorti tifhem il-ħsieb wara ż-żewġ argumenti. Dan għaliex, filwaqt li TCC torbot il-liċenza ma' liġi li għadha fis-seħħ, l-imħarrkin jorbtuha ma' liġi li tħassret. B'hekk, l-imħarrkin iqisu li, ladarba l-liġi li taħtha nħarġet il-liċenza ma baqgħetx fis-seħħ, daqstant ieħor ma baqgħetx fis-seħħ dik il-liċenza; u mhux hekk biss, iżda, ladarba l-liġi kienet tħassret u nbidlet b'oħra, kull regolament maħruġ taħt il-liġi l-ġdida kien jgħodd għal kull min kien imħajjar li jżomm liċenza għall-għoti ta' servizzi bħal dawk li TCC kienet kisbet il-liċenza dwarhom fl-1996;

"Illi meta wieħed jara sewwa l-liċenza maħruġa lil TCC, isib li din ingħatat mill-Gvern ta' Malta permezz tad-Dipartiment tat-Telegrafija Mingħajr Fili, u kienet iffirmata minn rappreżentant tad-Direttur ta' dak id-dipartiment[23]. Ma jingħad imkien li dik il-liġenza nħarġet taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap 250, u meta tissemma l-Korporazzjoni[24] dan sar għaliex il-liċenza kienet taħseb li TCC, bħala l-liċenzjata, kellha tabilfors tinqeda bl-infrastruttura tal-imsemmija Korporazzjoni biex tkun tista' twettaq is-servizzi ta' "*access to international data networks*" hemm maħsuba.

"Illi, madankollu, jidher li minkejja l-argumenti ma jaqblux tal-partijiet, it-tweġiba għall-kwestjoni toħroġ minn dispożizzjoni transitorja li kienet tinstab fl-Att XXXIII tal-1997 (u li llum m'għadhiex iżjed fit-test tal-imsemmi Att) li kienet tgħid sewwasew li "*Kull liċenza jew awtorizzazzjoni legalment maħruġa jew mogħtija qabel it-2 ta' Jannar, 1998, taħt l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta u fis-seħħ f'dik id-data, għandha sa dik id-data tkompli fis-seħħ kif ipprovdut bi jew taħt dak l-Att u, wara, għandhom ikomplu fis-seħħ u jkollhom effett dwar kull ħaġa li*

[21] Kap 49, li llum iġġib l-isem ta' Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni
[22] Kap 250 (imħassar bl-Att XXXIII tal-1997 dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi
[23] Ara Klawsola 2.3
[24] Klawsola 2.2

*tenħtieġ awtorizzazzjoni taħt dan l-Att, bħallikieku dawn kienu nħarġu jew ingħataw taħt dan l-Att b'dawk il-modifiki, addattamenti u limitazzjonijiet kif jista' jkun meħtieġ, jew xieraq għal dak il-għan u għandhom ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att daqs li kieku kienu hemm maħruġa jew mogħtija*"[25];

"Illi, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, ukoll kieku wieħed kellu jimxi mal-argument tal-imħarrkin, jiġi li mqar jekk kien minnu li l-liċenza maħruġa lil TCC kienet waħda taħt il-Kap 250, bis-saħħa tal-imsemmija dispożizzjoni transitorja tal-Kap 399, dik il-liċenza ma mititx u nżammet fis-seħħ. Huwa minnu li dawk il-liċenzi kienu suġġetti li jkunu jaqblu mad-dispożizzjonijiet tal-istess Kap 399 jew ta' xi Regolamenti maħruġin taħtu, iżda żgur li ma jistax jingħad – bħalma qal id-Direttur imħarrek fl-ittra tiegħu lil TCC f'Mejju tal-1998 – li dik il-liċenza kienet waqgħet ("*not been saved*" huwa l-kliem testwalment użat). F'dan ir-rigward, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha żżomm mas-sottomissjoni tal-imħarrkin[26], meta jgħidu li dik id-dispożizzjoni ma tgħoddx lanqas għal-liċenza mogħtija lil TCC għaliex inħarġet "b'deroga għall-istess Att (dwar il-Korporazzjoni Telemalta)", għaliex dan ikun ifisser li jew li l-liċenza ma kienet inħarġet bis-saħħa tal-ebda liġi, jew li meta nħarġet minkejja l-monoplju li kienet tgawdi l-Korporazzjoni, l-istess deroga saret lil hinn minn setgħat mogħtija mil-liġi. Jekk id-deroga saret fil-parametri tal-Kap 250 (kif fl-atti jisħqu l-istess imħarrkin) il-Qorti ma tagħrafx tasal għall-fehma oħra ħlief li dik id-dispożizzjoni transitorja kienet ukoll taħseb għal dawk il-liċenzi;

"Illi l-Qorti tifhem li, għalkemm liċenza m'hijiex kuntratt u l-persuna liċenzjata tista' tixxiebah ma' parti li tibbenefika minn permess ta' awtorita' dwar is-setgħa ta' xi għamil, it-tħassir ta' liċenza ma jistax isir jekk mhux fil-parametri maħsuba fl-għoti tal-istess liċenza u tal-kundizzjonijiet maħruġin taħta. Fejn liċenza tinħareġ mingħajr kundizzjonijiet, wieħed jista' jargumenta li d-diskrezzjoni tal-awtorita' li toħroġha tkun usa' minn meta l-kundizzjonijiet jissemmew b'dettal. Fil-każ tal-lum, il-liċenza maħruġa f'April tal-1996 lil TCC kienet imfissra sewwa b'għadd ta' kundizzjonijiet. Ladarba jitniżżlu dawk il-kundizzjonijiet, ma jkunx xieraq li l-awtorita' li tkun ħarġet liċenza b'dak il-mod taqbad u tinjorahom u timxi kif jiftlilha jew teżerċita diskrezzjoni bħallikeku dawk il-kundizzjonijiet ma kinux imniżżlin f'dik il-liċenza;

"Illi fil-każ tal-liċenza maħruġa lil TCC, kien ġie mfisser meta u f'liema ċirkostanzi kellha tintemm[27]. It-tliet ċirkostanzi kienu (i) jekk il-kumpannija

[25] Art. 43(1) tal-Kap 399 (kif mibdul bl-Att XVIII.2000.31)
[26] Paġ. 180 tal-proċess
[27] Klawsola 3.3

liċenzjata tonqos li tagħti s-servizz li għalih tkun ingħatat il-liċenza għal żmien ta' sitt xhur ma jaqtgħux, (ii) mal-għeluq taż-żmien li għalih ingħatat il-liċenza (jiġifieri, għaxar snin) u (iii) jekk ir-Regolatur isib li hemm raġuni tajba taħt il-klawsola 14. Mill-provi mressqa u mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li xi waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi kienet seħħet. Kemm hu hekk, jirriżulta li d-Direttur imħarrek baqa' jsemmi biss ir-raġuni li l-liċenza kienet waqgħet għax inħarġet taħt reġim ta' liġi oħra. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li wkoll kieku d-Direttur seta' straħ fuq il-kundizzjonijiet tal-Kalwsola 14.3 tal-liċenza, dan m'għamlux u r-raġuni li huwa ta lil TCC kienet raġuni li la kienet ikkontemplata fil-liċenza nnifisha u lanqas, minn dak li ssemma qabel, ma kienet imsejsa fuq applikazzjoni tajba tal-liġi fis-seħħ;

"Illi l-fatt li għal sentejn sħaħ (jiġifieri fl-1998 u fl-1999) id-Direttur imħarrek laqa' l-ħlas tat-tiġdid tal-liċenza li bagħtitlu TCC juri wkoll li, minkejja l-pożizzjoni tiegħu li l-liċenza kienet waqgħet, l-istess liċenza kienet fil-fatt baqgħet fis-seħħ;

"Illi dwar il-kwestjoni tal-applikazzjoni tal-Avviż Legali 170 tal-1999[28], għal-liċenza ta' TCC, irid jingħad li r-regolament missielet bejn il-partijiet (jiġifieri r-regolament 24 tal-imsemmi Avviż Legali) kien wieħed ta' xejra transitorja biex jipprovdi għal dawk li qabel ma daħal fis-seħħ l-Avviż Legali (jiġifieri fid-9 ta' Ottubru, 1999) kienu jagħtu servizz ta' ISP. Din il-Qorti tqis li, minkejja s-siwi u l-interess akkademiku li jista' jitnissel mill-argumenti qawwija li għamlu l-partijiet fis-sottomissjonijiet tagħhom u fl-atti tal-kawża, jibqa' l-fatt li, sa dak inhar li d-Direttur imħarrek kien għarraf lil TCC li ma kienx se' jġedded il-liċenza tagħha (f'Mejju tal-1998) l-imsemmija Regolamenti la kienu għadhom saru u anqas u anqas kienu għadhom daħlu fis-seħħ. Dan jgħodd ukoll għaż-żmien meta sar il-ħlas tat-tiġdid tal-liċenza fl-1999. L-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti jrid imur għaż-żmien li saret l-ewwel ċaħda tat-tiġdid tal-liċenza, għaliex huwa minn hemm li oriġinat il-kwestjoni li hija l-mertu ta' din il-kawża;

"Illi wkoll kieku kellu jitqies li d-deċiżjoni definittiva tad-Direttur imħarrek ittieħdet fl-ittra tiegħu ta' Frar, 2000, jidher li r-raġuni mogħtija kienet terġa' ttenni l-istess raġuni mogħtija f'Mejju tal-1998. Din il-Qorti diġa' sabet li dik ir-raġuni ma kinitx waħda tajba. Il-fatt li l-ittra ta' Frar 2000, issemmi r-Regolamenti li kienu daħlu fis-seħħ erba' xhur qabel ma jidhirx li "issanat" ir-raġuni ħażina jew legalment infondata li kienet ingħatat qabel lil TCC;

[28] L.S. 399.09

"Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-ewwel tliet talbiet ta' TCC huma tajbin u sejra tilqagħhom;

"Illi jifdal li l-Qorti tqis il-**kwestjoni dwar jekk l-imħarrkin humiex responsdabbli għad-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi**. Jirriżulta li minħabba ċ-ċaħda tat-tiġdid tal-liċenza TCC ma setgħetx tibqa' tagħti s-servizzi li hija kienet ingħatat fl-1996 – servizzi li hija tgħid li kienu usa' minn għoti ta' ISP – u li t-twaqqif ta' tali servizz daħħalha f'danni. It-talba attriċi trid li l-imħarrkin, jew min minnhom, jitqiesu responsabbli lejn TCC għad-danni mġarrbin jew li 'l quddiem jistgħu jiġġarbu minnha minħabba n-nuqqas ta' tiġdid tal-liċenza. F'din il-kawża TCC tressaq l-argument li l-għamil tal-imħarrek Direttur kien waqqaf l-effetti kollha talliċenza u, fil-proposta li għamlilha (kieku ntlaqgħet) kienet titnaqqs il-firxa ta' servizzi li kienet tista' tibqa' tagħti. Minħabba li ma kienx fil-ħsieb tar-raba' talba attriċi li din il-Qorti tillikwida d-danni mġarrba minn TCC, il-kumpannija attriċi naqset għal kollox milli tressaq prova tad-danni mġarrba. Tistqarr, iżda, li fejn tidħol responsabbilta' għad-danni jgħoddu għall-amministrazzjoni pubblika l-istess prinċipji dwar id-dritt tad-delitt jew tal-kważi delitt kif jgħoddu għad-danni maħluqa minn persuni privati. Dan ifisser ukoll li kien jaqa' fuq TCC li turi, sal-grad meħtieġ f'azzjoni bħal din, dak li hija tallega fir-rigward tal-imħarrkin;

"Illi l-imħarrkin, min-naħa tagħhom, jisħqu li din il-parti tal-azzjoni attriċi hija nieqsa minn sisien ġuridiċi. Huma jisħqu li ma wettqu l-ebda għamil illeċitu li bih iridu jagħmlu tajjeb għal xi ħsara pretiża minn TCC;

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li, fil-qafas tan-natura tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju kif imressqa minn TCC, ma tistax tinjora l-fatt ukoll li biex jingħata lok għal dannu minn għamil amministrattiv, jeħtieġ jintwera li dak l-għamil jew ikun sar b'mala fidi jew b'mod mhux raġonevoli[29]. Din il-Qorti ma tarax li d-Direttur imħarrek mexa b'mala fidi. Il-Qorti tqis li ma jidhirx li l-imħarrek kien determinat li jżomm lil TCC li akkost ta' kollox ma tingħatalhiex liċenza: fil-ħsieb tiegħu kellu l-għan li, jekk tinħareġ jew tiġġedded il-liċenza, din tkun toqgħod għall-kundizzjonijiet mitluba mil-liġi f'dak iż-żmien. Il-proposta magħmula minnu f'Mejju tal-2000 tixhed dan. Ukoll jekk l-istess imħarrek seta' ma kienx qiegħed iħaddem sewwa l-liġi fis-seħħ, ma jistax jingġad li b'dan il-mod kien qiegħed jimxi b'ħażen jew mala fidi;

[29] Art. 469A(5) tal-Kap 12

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li d-Direttur imħarrek għandu jwieġeb għad-danni lejn TCC fil-parametri tal-azzjoni kif mibdija minnha, u għalhekk, ir-raba' talba tagħha m'hijiex sejra tintlaqa';"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"... ... tirriforma u tvarja l-istess sentenza premessa tas-27 ta' Jannar 2011 u dan billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza inkwantu astjeniet milli tqis l-ewwel eccezzjoni preliminari u fejn laqghet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici tirrevoka mill-bqija u minflok tilqa' r-raba' u l-hames talbiet attrici u tiddikjara l-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni versu l-appellanti, bl-ispejjez kontra l-istess intimati."

Rat ir-rikors tal-appell tar-Regolatur tat-Telegrafija minghajr Fili u tad-Direttur tat-Telegrafiji minghajr Fili li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"... ... tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 2011, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tikkonferma f'dik il-parti fejn sabet lill-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju u fejn sabet illi l-appellanti m'humiex responsabbli ghal danni, thassaraha u tirrevokaha fil-kumplament taghha u senjatament inkwantu ddecidiet li d-Direttur ma mexiex sewwa meta naqas li jgedded il-licenzja relattiva ghas-sena 2000/2001 u inkwantu fejn iddecidiet illi l-licenzja moghtija lill-kumpanija appellata f'April 1996 ma kinitx waqghet u fejn sabet li l-hlas imwettaq mill-kumpanija appellata relattiv ghat-tigdid tal-licenzja ghas-sena 2000/2001 kien jiswa u inkwantu wkoll fejn ordnat lid-Direttur appellant johrog ircevuta skont il-ligi dwar dak il-hlas u tipprovdi minflok billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti u tichad it-talbiet tal-kumpanija appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess kumpanija appellata."

Rat ir-risposta tat-tliet konvenuti ghall-appell tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi:

> "... ... l-Appell tas-socjeta` appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha, filwaqt illi jzommu ferm l-aggravji u t-talba fl-Appell intavolat mill-appellati Regolatur tat-Telegrafija Minghajr Fili u tad-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili, u dan b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f'kaz illi dan ikun mehtieg."

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi:

> "... ... l-appell tal-konvenuti ghandu jigi michud u minflok l-appell tal-esponenti ghandha tigi milqugha."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jirrizulta li fl-1996 is-socjeta` attrici inghatat licenzja ghal zmien ghaxar snin sabiex ikollha *"access to international data networks"* u b'hekk setghet topera bhala *"data networks service provider"* taht il-

kundizzjonijiet stipulati fl-istess licenzja. Din il-licenzja “thassret” mill-konvenuti meta ma accettawx il-hlas tal-mizata ghas-sena 2000/2001. Dan sar peress illi fil-fehma tal-konvenuti, b’sehh mill-1997, min ried joffri servizz ta’ *internet* kellu bzonn licenzja minghand ir-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet skont l-Artikolu 5 tal-Att biex Jirregola Kommunikazzjonijiet Elettronici (Kap. 399 tal-Ligijiet ta’ Malta). Il-pozizzjoni tas-socjeta` attrici hi li l-licenzja tal-1996 baqghet tiswa u valida nonostante l-bidla fil-ligijiet, waqt li l-konvenuti jghidu li l-licenzja waqghet meta dahlet fis-sehh il-ligi tal-1997. Il-mizata relattiva ghas-snin 1997, 1998 u 1999 thallsu mis-socjeta` attrici u gew accettati mill-awtorita` kompetenti – u dan nonostante li f’Mejju tal-1998 kienet infurmat lis-socjeta` attrici li, skont hi, il-licenzja kienet waqghet. L-ewwel Qorti, wara li ddecidiet in linea preliminari li l-Avukat Generali ma kellux ikun parti fil-kawza, u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju, sabet fil-meritu li l-awtorita` kompetenti agixxiet abbuzivament meta qieset il-licenzja tal-1996 bhala ma baghetx valida, pero`, ma sabitx responsabilta` ghad-danni peress li ma kienx jirrizulta li d-Direttur konvenut mexa b’mala fidi jew b’mod mhux ragjonevoli.

Is-socjeta` attrici ressqet appell mis-sentenza u ressqet tliet aggravji: (1) li d-Direttur koncernat kellu jigi kkundannat ihallas danni peress li, skont hi, agixxa b’mod mhux ragjonevoli; (2) f’kull kaz, it-tehid tal-licenzja jammonta ghall-espropriazzjoni u ghandu jinghata kumpens; u (3) li l-Avukat Generali ma kellux jigi dikjarat li ma kienx kontradittur legittimu ghall-azzjoni. Min-naha l-

ohra, il-konvenuti appellaw mis-sentenza biex jilmentaw kontra s-sejbien da parti tal-ewwel Qorti ta' agir abbuziv da parti taghhom.

Trattat l-ewwel appell tal-konvenuti, dawn jibbazaw l-argumenti taghhom fuq is-sottomissjoni li, skont huma, il-licenzja tal-1996 ma nhargitx taht id-despozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar it-Telegrafija Minghajr Fili (Kap. 49 tal-Ligijiet ta' Malta), izda bhala deroga ghal dak li kien pprovdut fl-Att tal-1975 dwar it-Telemalta (allura Kap. 250 tal-Ligijiet ta' Malta), u jissottomettu li l-klawsola transitorja fl-Att tal-1997 (il-Kap. 399 imsemmi) kien "salva" il-licenzji mahruga legalment taht l-Att tal-1975, u mhux dawk mahruga bhala deroga ghall-istess Att.

Is-socjeta` attrici tghid li l-licenzja tal-1996 inharget taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 49 imsemmi, u mhux bhala deroga ghal Kap. 250. Hawnekk, din il-Qorti trid bilfors taghmel referenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Tabone Computer Centre Ltd v. Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili u l-Kontrollur tad-Dwana** (Appell Civili numru 66/1999) li kienet titratta talba tal-istess socjeta` attrici biex iddahhal f'Malta apparat in konnessjoni mas-servizz ta' *internet* li kienet tipprovdi. Din il-Qorti qalet li l-importazzjoni ta' taghmir bhal dak li riedet idahhal is-socjeta` attrici ma kienx ipprojbit *"imbasta min igibu jkun persuna licenzjata"* u allura kellha tezamina u tiddeciedi fuq l-istess licenzja tal-1996 issa meritu ta' din il-kawza.

Din il-Qorti fil-parti intestata *'Fatti tal-Kaz'* qalet dwar l-origini tal-licenzja li *"din il-licenzja nghatat in forza ta' deroga ghad-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta maghmula mill-Prim Ministru",* b'mod li, allura, gia` gie deciz, konformament mas-sottomissjoni tal-konvenuti, kif u bis-sahha ta' liema ligi inharget il-licenzja inkwistjoni. Dak li stabbiliet din il-Qorti fil-kawza fejn l-istess socjeta` attrici kienet ukoll attrici jorbot lill-partijiet u s-socjeta` attrici ma tistax issa f'dawn il-proceduri targumenta mod iehor.

Din il-Qorti, fil-kawza l-ohra, ttrattat ukoll il-validita` tal-licenzja wara l-hrug tal-Kap. 399 u l-klawsola tranzitorja u interpretat l-istess kontra t-tezi tal-konvenuti f'dawn il-proceduri u konformament mar-ragunament tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

> *"Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti fejn ikkonsidrat li fattwalment l-appellant Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili baqa' jaccetta minghand is-socjeta` appellata (u ohrajn) il-hlas regolari tal-licenzja wkoll wara li dahal fis-sehh il-Kap. 399. Izda fil-fehma ta' din il-Qorti, barra dan il-fatt, il-Kap. 399 innifsu kien ihares dawk il-licenzji li kienu fis-sehh meta bdiet tghodd il-ligi l-gdida (ara l-Art. 43(1) u 43(3) tal-Kap. 399 kif inkorporati bl-Att XIX tal-1998 u emendati bl-Att XVIII tal-2000 u qabel ma tnehhew bl-emendi tal-Att VII tal-2004. Dan il-harsien kien b'xi mod accettat mill-Awtorita` kompetenti. Ghalhekk, saz-zmien li nghatat is-sentenza appellata, l-ewwel licenzja kienet ghadha fis-sehh."*

Id-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti kienet it-2 ta' Gunju 2000. Il-licenzja baqghet titqies valida anke fil-mori ta' dak l-appell.

Darba, allura li l-licenzja originali baqghet valida u salvata bil-klawsola transitorja inkwistjoni, ghamlet hazin l-awtorita` kompetenti li qieset u ghadha tqis il-licenzja bhala li ma ghadhiex tghodd.

Issa hu veru li l-konvenut Regolatur tat-Telegrafija minghajr Fili jew ahjar ir-Regolatur tat-Telekommunikazzjoni, ghad-distinzjoni mid-Direttur, ma kienx parti fil-kawza l-ohra deciza minn din il-Qorti f'Jannar tal-2007, pero`, kif qalet l-ewwel Qorti l-istess Awtorita` tat-Telekommunikazzjoni ma hijiex mehtiega li tkun fil-kawza ghax:

> *"... ... la darba wiehed mill-imharrkin huwa d-Direttur tal-Awtorita` dipartimentali relattiva, ma hemmx ghalfejn li wiehed joqghod jinkludi wkoll lill-istess awtorita` bhala parti separata fil-kawza, ladarba d-Direttur imharrek bil-ligi jitqies li jirraprezentaha."*

Kwindi, dak li ddecidiet din il-Qorti bis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2007, jorbot lill-partijiet f'din il-kawza. Apparti dan, din il-Qorti, anke kif issa ippresjeduta, taqbel mal-interpretazzjoni li nghatat lill-klawsola tranzitorja inkwistjoni. Dik il-klawsola issalva kull licenzja jew awtorizzazzjoni legalment mahruga jew moghtija qabel it-2 ta' Jannar 1998, taht l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, u darba dak l-Att kien jippermetti deroga, dik id-deroga inghatat legalment taht l-istess Att, u kwindi l-licenzja relattiva, li ma hemmx kwistjoni li nharget "legalment", kienet u baqghet valida. Jekk il-legislatur ried jipprotegi *'kompetizzjoni giusta'* b'xi mod iehor milli jsalva licenzji

mahruga bhala deroga, kellu jkun car fil-hsieb tieghu u mhux isalva *'kull licenzja'* minghajr eccezzjoni.

Ghal bqija din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti f'dan il-kuntest, tqishom ben motivati, u tichad l-appell tal-konvenuti.

Trattat issa l-appell tas-socjeta` attrici, hlas ta' danni ikun gust jigi ordnat jekk l-awtorita` kompetenti tagixxi in mala fede jew b'mod mhux regjonevoli (Artikolu 469A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Is-socjeta` attrici qed tibbaza t-talba taghha ghad-danni aktar fuq premessa li, skont hi, l-awtorita` kompetenti agixxiet b'mod mhux ragjonevoli.

Issa hu veru li kull awtorita` trid tagixxi b'mod ragjonevoli, fis-sens li d-decizjoni taghha trid tkun wahda dettata bir-raguni meqjusa c-cirkostanzi kollha rilevanti tal-materja. Fil-kawza **Buttigieg v. Rettur tal-Universita` ta' Malta et,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Dicembru 2003 intqal li:

> *"It-'tests' ta' 'unreasonableness' fl-ezercizzju ta' poteri simili gew enuncjati fil-kawza* ***Kruse v. Johnson 1898*** *u b'dan il-mod: 'if they are manifestly unjust'; 'if they disclosed bad faith'; if they could find no justification in the minds of reasonable men."*

F’dan il-kaz ma jistax jinghad li d-decizjoni li ha d-Direttur kienet ghal kollox nieqsa minn gustifikazzjoni. Ma kellux il-beneficcju tas-sentenza li tat din il-Qorti f’Jannar tal-2007, u mehud in konsiderazzjoni li l-Att tal-1979 kellu l-hsieb li jdahhal obbligi ta’ trasparenza u kompetizzjoni gusta fis-suq ta’ telekommunikazzjoni, ma hiex irragjonevoli ghad-Direttur li jinterpreta l-klawsola transitorja skont il-hsieb dikjarat tal-Gvern. Din il-Qorti tqis li la darba dak il-hsieb ma giex espress fil-ligi, il-kliem estensiv u wiesgha tal-ligi jipprevali, pero`, ma jistax jinghad li d-decizjoni li hadet l-awtorita` kompetenti kienet, fil-kuntest tac-cirkostanzi li fiha ttiehdet, mhux gustifikabbli f’mohh persuna ragjonevoli. Meta ufficjal li jkollu xjenza tal-fatti jaggixi a bazi ta’ interpretazzjoni ragjonevoli, imma zbaljata, tal-ligi, ma jistax jinghad li jkun agixxa b’*mala fede*.

Zgur li mhux kull decizjoni hazina ghandha titqies li ittiehdet in *mala fede* jew b’mod mhux ragjonevoli, ghax kieku ma jkunx hemm bzonn ghal din il-kwalifika. Biex skont il-ligi jkun hemm responsabbilta` ghad-danni irid ikun hemm aktar minn sejbien ta’ decizjoni skorretta jew hazina, u f’dan il-kaz, kif osservat l-ewwel Qorti, ma jirrizultax li d-Direttur konvenut mexa b’*mala fede* jew b’mod mhux ragjonevoli.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju tas-socjeta` attrici, din il-Qorti tirrileva li l-hames talba taghha kienet fis-sens illi *“in linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghal-premess, f’kaz li jigi ritenut illi l-licenzja tal-attur ta’ April 1986 m’ghadhiex*

*fis-sehh, tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti billi l-attur ghandu dritt kwesit li gie mnehhi minghajr kumpens xieraq",* u allura l-ewwel Qorti kienet prekluza milli taghmel id-dikjarazzjoni mitluba gialadarba l-istess Qorti kienet iddecidiet illi l-licenzja ta' April 1986 kienet ghadha fis-sehh. Dan qed jinghad peress illi t-talba kif formulata mis-socjeta` appellanti kienet tipprovdi illi fl-assenza li jigi deciz li l-licenzja ma kinitx ghadha fis-sehh il-Qorti setghet tghaddi biex tikkunsidra l-kwistjoni jekk is-socjeta` appellanti kellhiex dritt kwesit. La darba anke din il-Qorti qed tghid li l-licenzja tal-1986 kienet valida, ma tistax taghti d-dikjarazzjoni mitluba fil-hames talba attrici.

Dwar it-tielet aggravju, marbut mal-prezenza tal-Avukat Generali fil-kawza, ghalkemm, fl-ahhar mill-ahhar, huwa l-Gvern li hu responsabbli, fit-terminu tal-ligi, l-Artikolu 181B tal-imsemmi Kap. 12, l-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern biss f'dawk il-kazijiet meta n-natura tat-talba ma tkunx tista' tigi diretta kontra il-kap tad-dipartiment relattiv. Fil-kaz tal-lum, il-konvenut Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili huwa l-kap tad-dipartiment involut fil-materja, u ma hux mehtieg li l-Avukat Generali jkun hu wkoll parti fil-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi miz-zewg appelli li ressqu z-zewg nahat fil-kawza billi tichadhom it-tnejn u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif stabbilit l-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithalsu b'kull appellanti jhallas l-ispejjez marbuta mal-appell taghha/taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------